MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2010

Numru 1099/2009

**PULIZIJA**
**SPETTUR VICTOR AQUILINA**
**VS**
**RODERICK GERADA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Roderick Gerada ta’ 30 sena, iben Alfred u Rita xebba’ Schieda, imwieled il-Pieta’ nhar is-7 ta’ Jannar 1979, residenti ‘Eudor’, Triq Is-Serkin, Marsa u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ bin-numru 33779(M).

<u>Illi huwa akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer fis-7 ta’ Ottubru 2009 u fix-xaharejn ta’ qabel:</u>

a) Minghajr awtorita’ legali jew minghajr skuza legittima jew ragonevoli xtara jew ircevejt minghand xi

persuna, kif ukoll kellek fil-pussess tieghu, biljetti tal-flus ta' valuta' EURO, meta kien jaf li l-istess huma falsifikati;
(Dan bi ksur ta' l-Artikolu 46 tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta)

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra li tinfliggi il-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna wkoll il-konfiska ta' l-oggetti kollha esebiti.

Biss, il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex, jekk, filwaqt tal-procedimenti kriminali, il-Qorti tqis il-htiega li tordna l-qirda tal-biljetti tal-flus foloz, hija ghandha qabel tikkonsulta mal-Bank Centrali ta' Malta, u ghandha, jekk u skond ma jista' jkun jehtieg il-Bank Centrali, tieqaf milli tordna l-qerda taghhom u tghaddi biex tikkonsenja dawk il-biljetti tal-flus lill-Bank Centrali biex jinflew minnu, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 50(3) tal-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija wkoll mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-Ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali (a fol.22) u dak ta' l-imputat (a fol.7);

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz;

Semghat l-ammissjoni ta' l-imputat (a fol.6 fil-verbal datat 8 ta' Marzu 2010);

Semghet il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti akkordat zmien ragonevoli ghal ripensament;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess ammissjoni ta' l-imputat, il-Qorti ssib Roderick Gerada, hati skond l-akkuza u wara li rat Artikoli 46 u 50(3) tal-Kap.204 tal-Ligijiet ta' Malta, Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat ghal sena prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

In oltre', il-biljetti tal-flus kontrafatti gew assenjati lil Amante Farrugia, rapprezentant tas-Central Bank ghall-aktar stharrig u dawn il-biljetti ghandhom jigu distrutti mis-Central Bank wara illi jkunu gew ezawriti l-invfestigazzjonijiet ulterjuri ta' l-istess Bank.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------